MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-28 ta' April, 2011

Avviz Numru. 427/2010

**Arthur Micallef**
**Vs**
**L-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta (Transport Malta)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikorsipprezentat mill-attur nhar il-21 ta' Ottubru 2010 fejn ippremetta s-segwenti:-

*1. "Illi r-rikorrent Arthur Micallef gie notifikat bl-annessa ittra ufficcjali nhar it-22 ta' Settembru 2010 (Dok AM1);*

*2. Illi l-Awtorita' intimata qieghda titlob il-hlas tas-somma ta' tlett mija w hamsa w erbghin Ewro u hamsin centesmu (€345.50) rapprezentanti drittijiet tal-licenzji ghac-cirkolazzjoni b'rabta ma' mutur bin-numru ta' registrazzjoni IBG 874 sa mill-1 ta' Ottubru 2002 sad-data ta' l-ittra ufficcjali, oltre penali u multi amministrattivi ohra;*

*3. Illi t-talba ta' hlas da parti tal-Awtorita' intimata hija infondata fil-fatt u fid-dritt ghas-segwenti ragunijiet:-*

*i. Ir-rikorrent Arthur MIcallef ma kellu l-ebda mutur bin-numru ta' registrazzjoni IBG 874 bejn is-snin 2002 w illum.*

*ii. Il-mutur in kwistjoni ma kienx soggett ghal-licenzjar ghac-cirkolazzjoni u jekk gie hekk illicenzjat huma terzi li ghandhom iwiegbu ghat-talba ta' l-Awtorita intimata.*

*4. Ili l-fatti fil-qosor huma s-segwenti:*
*a. Ir-rikorrent Arthur Micallef fis-sena 1998, importa mutur ta' l-ghamla Kawasaki bil-Frame number KX125K-0022840 u Engine Number KX125KEO16148 mir-Renju Unit (Dok AM2).*
*b. Illi kif ser jirrizulta minn dawn id-dokumenti ta importazzjoni dan il-mutur gie impurtat u seta' jintuza biss ghal "OFF ROAD ONLY" u ghalhekk dan il-mutur mas setax jitnuza ghac-cirkolazzjoni fit-toroq.*
*c. Illi ghalhekk ma kienx hemm il-htiega u lanqas ir-rikjesta li dan il-mutur jigi licenzjat ghac-cirkolazzjoni.*
*d. Ir-rikorrenti qatt ma talab lill-Awtorita' intimata tohroglu number plates ghal dan il-mutur.*
*e. Ir-rikorrenti biegh dan il-mutur lil certu Stephen Caruana fis-sena 2000.*
*f. Illi ir-rikorrenti huwa infurmat li dan Stephen Caruana kien biegh dan il-mutur lil dealer tal-muturi Mazaga Motorcycle Services, ta' Fleur de Lys Road, B'kara.*
*g. Illum il-gurnata dan il-mutur jinsab ghand u huwa proprjeta' ta' certu Lee Cortis bil-karta tal-identita' numru 516286(M).*
*h. Illi minn verifiki li r-rikorrent ghamel ma' l-Awtorita' intimate, jirrizulta li xi hadd ipprezenta lill-Awtorita' intimata kopja ta' polza ta' l-assikurazzjoni f'iem ir-rikorrent b'rabta ma' dan il-mutur nhar it-8 ta' Ottubru 2002 (Dok AM3).*
*i. Illi it-talba tal-Awtorita' intimata fil-konfront tar-rikorrent hija marbuta unikament ma' dan id-dokument li abbazi teighu l-Awtorita' qed tippretendi li r-rikorrent iwiegeb ghat-talbiet taghha.*
*j. Illi minn verifiki li ghamel ir-rikorrent ghamel mas-socjeta' assikuratrici indikata fir-records ta' l-Awtorita' intimata jirrizulta li polza inharget f'isem ir-rikorrent u bl-indirizz tar-rikorrent izda mhux bin-numru ta'*

*l-identita' tieghu u li l-istess polza giet kancellata nhar il-11 ta' Ottubru 2002.*
*k. Illi r-rikorrent qatt ma mar ghand is-socjeta' in kwistjoni sabiex tinhariglu polza ta' l-assikurazzjoni.*
*l. Illi hwua car li terz b'atti frawdolenti a skapitu tar-rikorrent ittanta li jillicenzja l-mutur in kwistjoni ghac-cirkolazzjoni ;*
*5. Illi fl-ewwel lok il-mutur in kwistjoni qatt ma seta' jigi illicenjzat ghac-cirkolazzjoni ghaliex huwa mutur tal-kompetizzjonijiet u ta' off roading u ma jissodisfax ir-rekwiziti ghal-licenzjar ghac-cirkolazzjoni.*
*6. Illi fit-tieni lok, ir-rikorrent fiz-zmien in kwistjoni ma kienx is-sid ta' dan il-mutur li huwa kien biegh madwar sentejn qabel.*
*7. Illi fit-tielet lok, ir-rikorrenti qatt ma talab ghal-licenjzar ta' dan il-mutur ghac-cirkolazzjoni u qatt ma talab il-hrug ta' number plates. F'dan is-sens jigi rilevat li anke s-sid attwai tal-mutur indikat hawn qabel meta ritnraccat ikkonferma li huwa m'ghandux number plates ta' dan il-mutur.*
8. *Illi fir-raba' lok huwa car li hawnhekk sehhu atti frawdolenti a skapitu tar-rikorrenti*."

Ghaldaqstant talab lil "*din il-Qorti tiddikjara u tiddecidi li t-talba ghal hlas tas-somma ta' tliet mija w hamsa w erbghin Ewro s hamsin centesmu (€345.50) rapprezentatnti drittijiet tal-licenzji ghac-cirkolazzjoni b'rabt ma' mutur bin-numru ta' registrazzjoni IBG 874 sa mill-1 ta' ottubru 2002 sad-data ta' l-ittra ufficcjali oltre penali u multi amminsitrattivi ohra mitluba mill-Awtorita' intimata fil-konfront tar-rikorrenti permezz ta' l-ittra ufficcjali tas-16 ta' Settembru 2010 in kwantu diretti fil-konfront tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*
*Bl-ispejjez kontra l-Awtorita' intimata li r-rapprezentanti w l-ufficjali taghha huma minn issa ngunti in subizzjoni."*

Rat id-digriet taghha tas-27 ta' Ottubru 2010 fejn kienet ordnat in-notifika tar-rikors tar-rikorrenti lill-kontro-parti w appuntat dan l-istess rikors ghas-smiegh ghal nhar is-7 ta' Dicembru 2010.

Rat ir-risposta tal-Awtorita' ntimata kif prezentata fl-atti nhar it-12 ta' Novembru 2010 fejn ippremettiet is-segwenti:-

1. "*Illi fl-ewwel lok ir-rikorrenti jrid jipprova l-allegazzjonijiet maghmula minnu fir-rikors tieghu.*
*2. Fit-tieni lok, l-Awtorita' taghraf bhala sid il-vettura lir-rikorrenti u lil hadd izjed. Jekk ir-rikorrenti jidhirlu li ghandu jikkawtela l-posizzjoni tieghu billi jipprocedi kontra terzi dik hija bicca xoghol tieghu u l-Awtorita' bl-ebda mod ma ser twaqqaf dan.*
*3. Illi din il-vettura ossia mutur jinsab fit-triq, huwa registrat f''isem ir-rikorrent u ghalhekk f'ghajnejn il-ligi ir-rikorrent huwa is-sid tal-vettura de quo u ghaldaqstant huwa ghandu jhallas l-ammont reklamat mill-Awtorita' fl-ittra ufficcjali minnha spedita kontrih.* "
Ghaldaqstant l-Awtorita' ntimata talbet bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex in vista tal-premess u ghal ragunijiet ohra li jistghu jingiebu quddiemha, tichad it-talbiet rikorrenti kontenuti fir-rikors bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Il Qorti semghet diversi xhieda u rat diversi provi mressqa mill-partijiet. Rat ukoll in-nota kongunta esebita fl-atti fis-seduta tat-12 ta' April 2011 fejn l-avukati difensuri tal-partijiet iddikjaraw li l-Awtorita' intimata kienet qed tirrinunzja ghall-effetti tal-ittra ufficcjali taghha mertu ta' dan ir-rikors u li konsegwentement ir-rikorrent qed icedi r-rikors in d'ezamina, w qablu li l-ispejjez tar-rikors jibqghu bla taxxa.

**Ghalhekk in vista tas-suespost, din il-Qorti tiddeciedi billi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan ir-rikors stante li gie cedut mill-istess rikorrenti u tordna li l-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu bla taxxa.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------